Ninsabu fl-eqqel tal-Festa tagħna: żmien li fih, ħafna voluntiera qed jiddedikaw il-ħin u l-enerġija kollha tagħhom sabiex joffru mument ta' ċelebrazzjoni kbira għall-komunità kollha, magħquda madwar il-patruni tagħna Pietru u Pawlu. Tajjeb li nkunu kapaċi nuru l-apprezzament tagħna, anki b'kelma ta' kuraġġ, b'kumpliment jew ringrazzjament lil xulxin. Kemm tista' tagħmel ġid kelma bħal din. San Pawl stess meta kiteb lill-komunità ta' Kolossi fit-Turkija, ħeġġiġhom bi kliem li naħseb li jgħodd ħafna għalina f'dan iż-żmien ta' festa. Araw mela x'qed jgħid lilna wkoll:

*"Intom il-magħżulin ta' Alla, il-qaddisin u l-maħbubin tiegħu. Ilbsu mela sentimenti ta' ħniena, tjieba, umiltà, ħlewwa u sabar. Stabru b'xulxin, u, jekk xi ħadd minnkom ikollu xi jgħid ma' ħaddieħor, aħfru lil xulxin; bħalma l-Mulej ħafer lilkom, hekk agħmlu intom ukoll. U fuq kollox ilbsu l-imħabba, li hi l-qofol tal-perfezzjoni. Ħalli s-sliem ta' Kristu jsaltan fi qlubkom, dak is-sliem li għalih kontu msejħa biex issiru ġisem wieħed. U ta' dan roddu ħajr lil Alla. Ħalli l-kelma ta' Kristu tgħammar sħiħa fikom; għallmu bl-għerf kollu u widdbu lil xulxin b'salmi u innijiet u b'għana spiritwali, u b'radd il-ħajr kantaw f'qalbkom innijiet lil Alla. Kulma tagħmlu jew tgħidu, agħmlu kollox f'isem il-Mulej Ġesù, u roddu ħajr lil Alla l-Missier permezz tiegħu". (Kol 3:12-17)*

Awguri mill-qalb lin-Nadurin kollha!




**Grazzi tal-ġenerożità sabiħa tagħkom għall-Festa 2026**
Ġabra mill-envelopes f'Jannar: €2,950;
Ġabra bieb bieb u minn idejn l-Arċipriet: €9,532.26;
Ġabra fil-ħruġ tal-istatwa: €4,393.25;
Ġabra għall-arranġamenti tal-ward: €1255.
**Inkomplu ngħinu billi nwasslu l-envelopes tagħna. Grazzi.**

It-Tnejn 29 ta' Ġunju, iċ-ċimiterji tal-parroċċa jkunu miftuħin mis-7.00am sal-5.00pm.

**Ħinijiet ġodda fil-MUSEUM tas-SUBIEN mil-Ħamis 2 ta' Lulju**:
**It-tfal tal-Primarja** kull nhar ta' Tnejn u Ħamis. Fis-6.00pm jinfetaħ il-grawnd għal-logħob sal-ħin tal-lezzjoni mis-6.45pm sas-7.15pm.
**L-istudenti tas-Sekondarja** kull nhar ta' Tnejn, Tlieta, Ħamis u Ġimgħa. Mis-6.45pm sas-7.15pm lezzjoni u wara jkollhom siegħa logħob.

Nhar l-Erbgħa 1 ta' Lulju, fil-knisja tas-Sorijiet Franġiskani, ir-Rabat, se ssir laqgħa importanti għall-**Grupp tal-Istilel tal-Qalb ta' Ġesù**. Il-programm se jkun hekk: trasport minn ħdejn iċ-Ċentru Parrokkjali fl-4.00pm; nofs siegħa Adorazzjoni fil-knisja tas-Sorijiet, imbagħad spegazzjoni dwar l-Istatut u x'jitlob minna bħala membri tal-grupp. Ċelebrant: Dun Joseph Bezzina. Ejjew u ġibu oħrajn magħkom. Min se jagħmel użu mit-trasport huwa mitlub li jkellem lil Sr Josepha Gauci sal-aħħar tax-xahar.

**Siegħa Adorazzjoni** nhar is-Sibt 4 ta' Lulju, fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù fit-8.00am, bi tpattija lill-Qalb bla tebgħa ta' Marija u għall-konverżjoni tal-midinbin. Kulħadd mistieden.

**Lill-ġenituri tat-tfal li rċevew l-Ewwel Tqarbina**
Infakkrukom li l-ilbiesi jintraddu lura **fl-1 ta' Lulju**, **mill-5.00pm sas-6.00pm** f'Dar S.Pietru u S.Pawl ta' Triq Diċembru 13. Min għal xi raġuni ma jistax f'din il-ġurnata għandu jibgħat email fuq nadurparishmxuereb@gmail.com sabiex issibu mument ieħor. Grazzi.
F'din il-ġurnata meta ġġibu lura l-libsa qed nitolbulkom ġentilment tħallu **donazzjoni għall-ispejjeż** tal-parroċċa marbuta ma' din l-okkażjoni (fosthom ix-xemgħa tat-tfal, il-fjuri fil-knisja, il-kura tal-ilbiesi u x-xiri ta' oħrajn ġodda). Nirringrazzjawkom minn qabel tal-ġenerożità tagħkom filwaqt li nkomplu noffrulkom l-għajnuna kollha tagħna fil-mixja tal-fidi tat-tfal tagħkom lejn il-Griżma.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 7.00am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.00am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am